KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tat-28 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nharit-Tnejn 15 ta' Diċembru, 2014 u li bdiet fl-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Philip Vella |
| ViċiSindku: | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri: | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali: | |
| SegretarjuEżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur/riċi: | Il-post hu vakanti |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fl-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel, Nru. 26 - 8 u tal-laqgħa b'urġenza Nru 27 - 8 u dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

## 2. Ħatra ta' Skrivan

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-interviews għal Skrivan/a full-time fi skala 15, back to back saru nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2014 lil dawk iż-żewġ persuni li ġew fit-tieni post. Il-bord tal-għażla li kien kompost mill-istess Chairperson u żewġ membri, għażel lis-Sur Joe Mifsud li ġab l-aktar marki għal din il-kariga. Il-Kunsill qabel ma dan u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lis-Sur Joe Mifsud bil-mili ta' dan il-post u jekk jaċċeta din il-kariga jibda jaħdem mall-Kunsill Lokali minn nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jinxtraw żewġ skrivaniji pariġġ forma ta' L-shape għall-uffiċċju tal-impjegati u titneħħa l-iskrivanija li hemm u li qed tieħu ħafna spazzju f'din il-kamra. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3. Ħatra ta' bord għal-evalwazzjoni ta' Tender 03/2014 (M313)

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta b'Avviż Nru. 03/2014 (M313 -2nd call) tax-xogħol ta' pavimentar b'ċangatura ta' tip porfido fi Pjazzetta tax-Xelina u kanali tal-ilma tax-xita b' impatt ambjentali baxx ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014 fil-11 ta' filgħodu. Hu qal ukoll li hu mportanti ħafna li dawn l-offerti jinfetħu dak in-nhar stess u talab lill-Kunsillieri preżenti biex ikun hemm żewġ Kunsillieri minnhom biex il-proċess jitħaffef. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Said aċċettaw li jattendu dakinhar għal ftuħ ta' dawn l-offerti. Is-Sindku ssuġġerixxa lill-Av. Larry Formosa, lill-Perit Brian Curmi u lill-Perit Gordon Vella biex dawn l-offerti jiġu evalwati biex jibda x-xogħol peress li dan x-xogħol kollu jrid ikun lest sa Mejju 2015.

## 4. Ħatra ta' bord għal proġett tal-Pjazza Santa Margerita

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li għandu jitwaqqaf bord għal proġett tal-Pjazza Santa Margerita u li l-għan ewlieni tiegħu huwa biex jgħin lil Kunsill biex joħrog bl-aħjar pjan għal dan il-proġett. Huwa qal li f'dan il-bord il-membri tiegħu għandhom ikunu persuni li jmissu ma din il-pjazza ewlenija u prinċipali tar-raħal Ta' Sannat. Dan kollu għandu jsir wara li sar il-kwestjonarju li tqassam bieb, bieb u nġabar mill-Ambaxxatriċi Ann Marie Gauci u żgħażagħ oħra li għenu biex dan jimtela' mir-residenti tal-lokal u nġabar matul is-sajf li għadda. Is-Sindku qal li l-ewwel li għandhom jiġu kkuntatjati huma l-għaqdiet tar-raħal u semma li kien ġa tkellem mall-Arċipriet u dan issuġġerilu lis-Sur Lawrence Muscat membru attiv fil-knisja u fl-armar tal-festi esterni parrokkjali. Is-Sindku ssuġġerixxa membri oħra fosthom lis-Sur Teddy Bajada membru mill-kumitat ta' Sannat Lions F.C., membru ieħor mill-Kumitat tal-Banda fejn ssuġġerixxa lis-Sur Paul Vella, Angelo Buttigieg mill-att ta fejn jidħol dawl fil-pjazza u l-Periti li hawn fir-raħal u l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Is-Sindku se jkun ic-Chairman ta' dan il-bord, f'dan il-bord ukoll ser ikun hemm il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li se jservi bħala ex officio. Is-Sindku semma li f'dan il-proġett għandu jiġi ukoll ikkunsidrat ir-restawr tal-knisja minn barra u z-zuntier. Is-Sindku qal li huwa ġa tkellem ma l-Arċipriet fejn flimkien qablu sabiex id-dar il-qadima tal-parroċċa ssir mużew fejn fih jiġu esebiti oġġetti ta' valur storiku ta' matul iż-żminijiet u li huma elenkati kollha mar-raħal Ta' Sannat. Is Sindku qal li l-Arċipriet qallu li hu ser jitlob il-permess mingħand il-Kurja tal-Isqof dwar dan. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ssuġġeriet li jkun hemm membru mill-Kumitat tal-Każin tal-Labour peress li jinsab f'din il-pjazza. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 5. Triq tal-Gruwa – Water Culvert

Is-Sindku qal lill-Kunsill li huwa kellu laqgħa mall-Ministeru għal Għawdex u l-Korporazzjoni tal-Ilma fejn sar qbil li l-Kunsill jħallas it-tqegħid tal-pajpijiet bl-istess prezz tal-kuntratt tal-W.S.C. u b'hekk jitkabbar l-water culvert li hemm f'din it-triq u li l-Ministeru għal Għawdex ser jipprovdi l-gradilji. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillieri talbu li għandha tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Artijiet fejn il-Kunsill jitlob u jara l-possibilta' biex it-Triq tal-Gruwa fil-kantuniera tagħha l-isfel mill-Kalkara tal-Ġir titwessa'.

## 6. Tender Ġbir ta' Skart Domestiku

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi tax-Xagħra u tax-Xewkija se jiltaqgħu biex jiġi diskuss d-dokument għal din l-offerta u toħroġ is-sejħa għall-offerti. Din l-offerta ser toħroġ bejn il-Kunsill Ta' Sannat, Ix-Xagħra u x-Xewkija. Il-Kunsill Lokali tal-Munxar nfurmana li rrifjuta li jissieħeb magħna u mall-Kunsill Lokali l-oħra. Il-Kunsill qabel li din l-offerta toħroġ mall-Kunsilli tax-Xagħra u tax-Xewkija.

Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mall-Kumpanija GreenPak dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart reċiklabli.

*Il-laqgħa ġiet sospisa fis-6.00 p.m. għaliex fil-kamra tal-laqgħat daħal is-Sur Joe Grima mill-kumpanija Road Constructions Ltd.*

*Il-laqgħa tkompliet fis-6.10 p.m. fejn il-Kunsill ddiskuta ilmenti li kellu l-Kunsill ma dan il-Kuntrattur dwar:*

i. Wara li sar rapport lill-Pulizija mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv dwar Triq Dun Xand fejn dan l-aħħar kienet saret trinka tad-drenaġġ fin-nofs ta' din it-triq, l-Kunsill talab biex din it-trinka tiġi asfaltata kif suppost. Il-Kuntrattur ser jagħmel dan ix-xogħol mill-aktar fis

ii. Ilment ieħor kien dwar trinka li saret mill-istess Kuntrattur f'Ġunju li għadda fejn kienet saret trinka oħra tad-drenaġġ fi Triq il-Kbira u ma din it-trinka kien għadda pajp tal-plastik biex jintlaqa l-ilma tax-xita minn ma ġenb il-ġibjun ta din it-triq. Il-Kunsill talab lill-kuntrattur biex jimla' dan il-pajp bil-konkos u tinsad din il-pajp minflok ma jerġa jinfetaħ wiċċ it-triq u li tinqala din il-pajp.

iii. Ilment ieħor ma dan il-kuntrattur kien dwar trinka oħra fi triq ġdida fi Triq Saguna fejn kienet saret trinka għas-servizz tad-drenaġġ iżda din it-trinka ma ġietx magħluqa kif suppost. Il-Kuntrattur għandu jara li din it-trinka tiġi magħluqa kif suppost.

## 7. Attivita' għat-tfal tar-raħal fil-jiem tal-festi tal-Milied

Il-Kunsill qabel li fl-okkażjoni tal-jiem tal-festi tal-Milied, għat-tfal tar-raħal tiġi organizzata ħarġa fejn iżuru Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Kunsill ddeċieda li din il-ħarġa ssir waqt li dan il-presepju jkun animat bl-atturi nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru 2014 u tluq minn Ta' Sannat ikun fl-4.30 p.m. Għandu jiġi provdut it-transport minn Ta' Sannat u lura u t-tfal wara din il-ħarġa jingħataw goodie bag tal-Milied.

## 8. Ġabra għal Community Chest Fund (L-Istrina)

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta flimkien mas-Sur Preca ser iżuru l-irħula kollha ta' Għawdex għall-okkazjoni ta' ġbir ta' fondi għal Community Chest Fund (l-Istrina). Is-Sindku qal li hu flimkien ma' l-Arċipriet ser jiktbu ittra u magħha ser jitqassam envelope apposta f'kull residenza Ta' Sannat għal dan il-ġest nobbli. Dawn l-

envelopes bl-għotjijiet ser jingħabru f'kaxxi apposta fil-Knisja Parrokkjali u fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 biex il-kommunita' Ta' Sannat tippreżenta din l-għotja nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2014 fit-3.00 p.m. fejn ser iżżur ir-raħal il-President ta' Malta u s-Sur Preca. Il-programm għal dan l-avveniment li ser isir fil-Pjazza Santa Margerita faċċata tal-kazini tal-futbol u tal-banda ser jkun hekk;

i. Wasla tal-President ta' Malta
ii. Għoti ta' bukkett fjuri lil President ta' Malta
iii. Żjara ta' Wirja ta' krafts tal-Milied mtella' mill-Għaqda Drammatika Ta' Sannat
iv. Kant mill-kor tat-tfal tal-parroċċa Fjur il-Martri Margerita
v. Żjara ta' korteżija fil-Każin tas-Sannat Lions F.C.
vi. Żjara ta' korteżija fil-Każin tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita
vii. Kant mill-kor tat-tfal tal-parroċċa Fjur il-Martri Margerita
viii. Għoti tal-offerta miġbura, mis-Sindku lil President ta' Malta
ix. Għoti ta' tifkira mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat lil President fl-okkażjoni ta' l-ewwel żjara tagħha fir-raħal Ta' Sannat bħala l-President ta' Malta.

Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ordnat P.A.System għal waqt din l-attivita'.

## 9. Playing field fi Triq Marziena (Urban Improvment Funds)

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-playing field ta' Triq Marziena għandu jinħeles mix-xogħolijiet li kien mitlub li jsir bil-fond tal-Urban Improvment Funds (MEPA) fosthom il-gate u l-fence ta dan il-playing field sabiex il-Kunsill ikun jista jiġi rimbursat bil-fondi kollha. Is-Sindku semma ukoll li r-rampa li hemm fl-entratura ta' dan il-playing field għandha tigi rranġata sabiex tkun aċċessibli għal kull min jagħmel użu minn dan il-post.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsillieri li l-Kunsill Ta' Sannat għandu għal qalbu il-persuni bi bżonnijiet speċjali u li dejjem jipprova jiffaċilita l-ħajja tagħhom. Hu qal li mhux sew u rridu nkunu aktar prudenti u noqgħodu attenti x'jingħad fil-pubbliku.

*Il-laqgħa ġiet sospisa fis-6.50 p.m. għaliex fil-kamra tal-laqgħat daħlet is-Sinjura Georgine Ellis minn Gigi's Clubhouse.*

*Il-Laqgħa tkompliet fis-6.55 p.m.*

Il-Kunsill qabel li titwaħħal il-poster li ħalliet is-Sinjura Ellis dwar attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-Clubhouse. Is-Sinjura Ellis spjegat f'hiex tikkonsisti din il-Clubhouse fejn isiru attivitajiet għat-tfal ta' kull eta'. Hi wriet ix-xewqa u qalet li hi lesta li tgħin lill-Kunsill f'attivitajiet li jiġu organizzati għat-tfal anke jekk ikun hemm il-bżonn fil-post tagħha stess.

## 10. Stimi ta' toroq ippreparati mill-Perit tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsill żewġ stimi ta toroq ippreparati mill-Perit tal-Kunsill u li kienu mitluba mill-Kunsill.

- Triq Kalati €11,116.50
- Triq l-20 ta' Lulju €28,867.85

## 11. Ambaxxatur

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Eric Gauci żgħażugħ minn Ta' Sannat wera x-xewqa li jkun Ambaxxatur taż-żgħażagħ fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 12. Komunikazzjoni tas-Sindku

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Headmistress ta' l-iskola primarja Ta' Sannat infurmatu li l-iskola primarja talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex issir Field Day nhar it-28 ta' April 2015. Hi talbet lill-Kunsill biex dan jgħin billi jixtri l-frott, ilma u kotba għat-tfal kollha li ser jippartecipaw f'din l-attivita' u jipprovdi s-servizz ta' PA System. Il-Kunsill qabel ma dan.

2. Is-Sindku qal lill-Kunsill li s-Sur Emanuel Terribile Project Manager ta' Mġarr ix-Xini Regional Park kiteb ittra lic-Chairman tal-Water Services Corporation u wera ix-xewqa biex jekk hu possibli l-pumping station li tinsab abbandunata fil-wied ta' Mġarr ix-Xini tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wasal iż-żmien li l-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet biex il-Kunsill jinstalla solar cameras ħdejn il-bring in sites ta' Triq Durell u anke fi Triq Skerla fejn qed isir abbuż bit-tfiħ ta' skart domestiku f'dawn it-toroq dan biex jinqata' dan l-abbuż. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 13. Komunikazzjoni mill-Kunsillieri

Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li din is-sena l-gallettini li se jitqasmu lir-residenti anzjani fi żmien il-festi tal-Milied għandhom jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill. Dan għandu jinforma lil dawn l-anzjani b'notifika. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li hi tkellmet mas-Sinjura Grace Camilleri dwar il-kors tal-krafts. Dan il-kors ser isir kull nhar ta' Ġimgħa bejn id-9.30 a.m. u l-11.00 a.m fis-sala tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li għandhom jerġgħu jibdew l-aerobics classes peress li l-Kunsill kien ibbenefika mill-iskema tal-isports.

Il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet biex jitkompla l-Kors fl-Accounts.

Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jinforma lir-residenti dwar dawn il-korsijiet u sezzjonijiet tal-aerobics permezz ta' avviż li għandu jintbgħat f'kull residenza tal-lokal.

## 14. Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva d-deċiżjoni tal-Bord tal-Governanza dwar diversi allegazzjonijiet li saru f'Mozzjoni mressqa minn tlett Kunsillieri tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat fil-konfront tas-Sindku. Il-Bord ma rriżultax li s-Sindku kien f'xi forma ta' konflitt ta' interess u lanqas ma rriżulta li kien hemm ksur tal-Kodiċi tal-Etika.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Kumpanija GreenPak fejn infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 1 ta' Jannar 2015 (festa publikka) mhux ser isir is-servizz tal-ġbir tal-Ħġieġ reċiklabbli. Dan is-servizz ser isir il-Ġimgħa 2 ta' Jannar 2015 wara s-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu javża lir-residenti dwar dan.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali infurmah permezz ta' imejl li l-Awdituri Ġenerali l-ġodda huma Spiteri Bailey & Co.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-vacation leave ta' din is-sena ma tteħidx kollu u li hu kien fadallu 111 il-siegħa u anke l-iskrivana kien fadlila 55 siegħa sa l-aħħar tas-sena 2014. Is-Segretarju spjega li dan il-vacation leave ma tteħidx kollu għaliex matul din is-sena kien hemm in-nuqqas ta' impjegat ieħor u ma kienx faċli li jittieħed, dan minħabba l-volum ta' xogħol li kellha l-amministrazzjoni fl-uffiċċju. Il-Kunsill approva dan il-vacation leave u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex dan jittieħed, issa li l-Kunsill se jimpjega skrivan ġdid.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand is-Segretarja tal-Għaqda Drammatika Sannat fejn talbet il-permess għal self ta boards li l-Kunsill għandu għal użu ta' esebizzjoni tal-krafts tal-Milied. Il-Kunsill qabel li dawn il-boards jiġu mislufa lil din l-Għaqda.

## 15. Ilmenti u suġġerimenti

1. Is-Sur Donald Leinster Mackay li joqghod "Dona Dei," fi Triq Skerla qed jitlob li ssir disabled parking quddiem ir-residenza tiegħu. Hu ghandu d-dokumenti meħtiega għal permess ta' dan il-parking. Il-Kunsill qabel ma dan

2. Is-Sur John Cassar li joqgħod 168, Triq il-Kbira qed jilmenta li meta jgħaddi xi container mill-istess Triq qed jikkawża ħsarat strutturali fil-gallerija tiegħu u qed jitlob biex jara hemmx xi mod li l-Kunsill ikun avżat minn qabel biex ma jipparkjawx karozzi fl-istess triq. Il-Kunsill għandu jitkellem ma Transport Malta dwar dan.

3. Is-Sur Mario Cordina ta' Triq il-Kbira qed jitlob bankina ġdida ma dar ġdida fi Triq Gerxija. Il-Kunsill ser jgħaddi din it-talba lil Ministeru għal Għawdex permezz tal-Customer Care.

4. Is-Sur Tarcisio Grima ta' "Edelweiss", fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri qal li għandu problema tad-drenaġġ. Din il-problema tinsab il-barra mill-bankina tad-dar tiegħu għaliex ilu snin twal jiftaħ il-cover tad-drenaġġ ta fuq il-bankina u jnaddaf kif suppost. Hu qed jgħid li meta saret it-triq wisq probabli laqtu il-katusa ta drenaġġ u minn hemm hemm xi sad għalhekk qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex din il-problema tiġi solvuta. Il-

Kunsill qabel li għandu jinforma lil Inġinier tal-W.S.C. dwar dan l-ilment u jara x'inhi l-problema eżatt.

5. Is-Sur Carmelo Gauci ta' "Tajra", fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri qed jilmenta biex titbaxxa il-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.
6. Is-Sindku ssuġġerixxa li fi Triq Gerxija jaqleb id-Double Yellow lines ta' din triq. Il-Kunsill għandu jinforma lil Transport Malta dwar dan.
7. Is-Sindku flimkien mall-Kunsillier Bajada qed jirċievu diversi lmenti mingħand ir-residenti li fi Triq il-Kbira hemm problema ta' parking. Il-Kunsill għandu jara jekk f'din it-triq jistgħux jsiru Residential Parking jew parti mit-triq issir Time Zone Area. Dan għaliex ir-residenti mhux qed isibu post fejn jipparkjaw peress li f'din it-triq hemm ħafna farmhouses u fil-weekend qed ikun ferm aktar diffiċli biex wieħed isib parking. Il-Kunsillier Bajada ssuġġerixxa li anke fit-toroq f'dawn l-inħawi għaliex inkella ma nkunu solvejna l-ebda problema anzi nkunu ħloqna problemi oħra lir-residenti ta' toroq tal-madwar. Il-Kunsill qabel ma dan.
8. Il-Kunsilliera Said ssuġġeriet li fi Triq Bardan issir mera u s-Sindku talab li ssir tabella black spot. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li matul il-passaġġ li sar dan l-aħħar bil-konkos f'din it-triq jsir railing tal-ħadid peress li huwa perikoluż. Il-Kunsill għandu jara kemm ser jiġi jiswa dan ir-railing.

### 16. Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gven Lokali

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| Memo 29/2014 | Lista ta' Pagamenti |
| Memo 30/2014 | Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa |

### 17. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti Numru 11 (annessa mall-minuti). Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

### 18. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |